KUNSILL LOKALI
BIRŻEBBUĠA

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa**

**8 LEĠIŻLATURA**

**Laqgħa Numru 70**

**It-Tlieta 26 ta' Settembru 2023**

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz: Dar Birżebbuġa, Triq Santa Marija, Birżebbuġa, fil-17:00.

**PREŻENTI**:

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur | Scott Camilleri | Sindku |
| Is-Sa | Josette Busuttil | Viċi Sindku |
| Is-Sur | Alex Caruana | Kunsillier |
| Is-Sur | Joseph Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sa | Maria Mifsud | Kunsilliera |
| Is-Sa | Doriana Portelli | Kunsilliera |
| Is-Sur | Johann Borg | Kunsillier |
| Is-Sur | Simon Buttigieg | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A):**
Hadd

**ASSENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur | Carlo Stivala | Kunsillier |

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur | Jordy Brincat | Segretarju Eżekuttiv |
| Is-Sa | Astrid Pell | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

**MEMBRI MILL-PUBBLIKU:**
Hadd

**70.01 Qari tal-ittri t'apoloġija**

**70.01.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qal li ma rċieva ebda ittra t'apoloġija. Il-Kunsilliera Doriana Portelli ingħaqdet iżjed tard peress li kienet xogħol. Dwar il-Kunsillier Carlo Stivala, dan se jkun qed jingħata 30 minuta ċans; jekk ma jkunx preżenti, se jkun qed jiġi mniżżel assenti.

**70.01.02** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat stieden lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell sabiex tattendi din is-seduta peress li fil-jiem li ġejjin hu se jkun għal xi żmien indispost mill-uffiċċju u għalhekk ħass li jkun tajjeb li d-Deputat tkun preżenti fis-seduta.

**70.02 Approvazzjoni tal-minuti (Seduta 69)**

**70.02.01** Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni mill-minuti.

Fuq proponiment tal-Kunsillier Simon Buttigieg, u sekondat mill-Kunsillier Joseph Farrugia, il-minuti ġew approvati unanimament.

**70.03 Arising mill-minuti (Seduta 69)**

**70.03.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qal li waqt is-seduta li għaddiet, dwar Jum Birżebbuġa (Punt 69.13.03), ir-riżultati ta' Jum Birżebbuġa huma kif ġej:

- <u>Rikonoxximent fil-Qasam Sportiv:</u>
  Is-Sur Gareth Borg

- <u>Rikonoxximent fil-Qasam għall-Impenn u Dedikazzjoni:</u>
  Is-Sinjuri Peter Camilleri, Benji Caruana u Anthony Bonnici

- <u>Rikonoxximent fil-Qasam għall-Anzjani:</u>
  Is-Sa Marlene Ebejer

- <u>Rikonoxximent fil-Qasam għall-Ħidma fl-Inklużjoni:</u>
  Is-Sur Walter Pace

- <u>Rikonoxximent Speċjali mogħti mill-Kunsill Lokali:</u>
  Il-Perit Carmel Cacopardo

- <u>The Joe Baldacchino Lifetime Achievement Award:</u>
  Is-Sur Saviour Fenech

- <u>Ġieħ Birżebbuġa 2023:</u>
  Is-Sur Anthony Xuereb

**70.04 Approvazzjoni ta' kwotazzjonijiet**

**70.04.01** <u>*4 swivel chairs:*</u> Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li kien hemm talba mingħand uħud mill-iskrivani sabiex jinxtraw 4 siġġijiet ġodda. Dan peress li issa l-istaff żdied u qed jintużaw is-siġġijiet tal-boardroom. Inġabru tliet kwotazzjonijiet, bl-orħos

waħda tkun kwotazzjoni B. B'kollox dawn l-erba' siġġijiet se jkunu qed jiswew €1,458.48. Din ġiet approvata mill-Kunsilliera kollha preżenti.

**70.04.02** *3 siġriet taż-żebbuġ għal Dawret il-Qalb Imqaddsa:* Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li hemm bżonn jinxtraw tliet siġar taż-żebbuġ għal Dawret il-Qalb Imqaddsa peress li hemm il-konki tagħhom vojta. Intalbu tliet kwotazzjonijiet; l-uniku fornitur li rrisponda hu dak ta' kwotazzjoni A. B'kollox dawn it-tliet siġriet se jkunu qed jiswew €308. Din ġiet approvata mill-Kunsilliera kollha preżenti.

**70.04.03** *Laminating machine:* Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qal li fl-aħħar ġimgħat inħarqet il-laminating machine, li din hi għodda neċessarja għall-użu tal-uffiċċju. Kien hemm hemm il-bżonn li tinbidel. Inġabru tliet kwotazzjonijiet, bl-orħos waħda tkun kwotazzjoni B, li tiswa €125. Din ġiet approvata mill-Kunsilliera kollha preżenti.

**70.04.04** *Bins għall-bandli ta' Pretty Bay:* Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li hekk kif ġie inawgurat il-bandli ġdid ta' Pretty Bay, qed jinħass il-bżonn li jiżdiedu l-bins f'din iż-żona. Intalbu tliet kwotazzjonijiet, bl-orħos waħda tkun kwotazzjoni A, li tiswa €289.10 għal kull bin. Il-Kunsillier Alex Caruana ssuġġerixxa sabiex jara l-possibbiltà li jsiru bins li jkunu għar-riċiklaġġ ukoll. Se nġibu kwotazzjoni sabiex naraw kemm jiswew dawn il-bins ukoll. Din ġiet approvata mill-Kunsilliera kollha preżenti.

**70.04.05** *Cold Asphalt kull tunnellata:* Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li sabiex isir xogħol ta' patching mill-Public Works Division hemm bżonn li nixtru l-cold asphalt. Intalbu tliet kwotazzjonijiet; l-uniku fornitur li rrisponda hu dak ta' kwotazzjoni A, li tiswa €180 għal kull tunnellata. Din ġiet approvata mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 70.05 Skeda ta' pagamenti u petty cash

*Skeda ta' pagamenti:*

**70.05.01** Il-Kunsillier Alex Caruana staqsa dwar pagament numru 62. Dan hu rigward it-tokens tal-futbol għal Skola Sajf u jekk il-pagament hux ta' token wieħed jew ta' kollha. Is-Sindku Scott Camilleri rrisponda li dak kien il-prezz globali tagħhom.

*Petty cash:*

**70.05.02** Ma kienx hemm mistoqsijiet dwar il-petty cash.

Fuq proponiment tal-Kunsillier Alex Caruana, u sekondat mill-Kunsillier Simon Buttigieg, il-Kunsilliera preżenti kollha qablu b'vot unanimu dwar l-iskeda tal-pagamenti u l-petty cash.

## 70.06 Komunikazzjoni mis-Sindku

**70.06.01** Is-Sindku Scott Camilleri qal li bħalissa hemm il-contracts manager u l-environmental consultant għaddejjin bix-xogħol dwar diversi rwejjaħ li qed ikun hemm ġewwa diversi impjanti f'Ħal Far. Fil-fatt, wara konsultazzjoni mal-ERA, minn din il-ġimgħa se tkun komunikata mal-Kunsilliera u l-istaff template apposta sabiex meta jkun

hemm ilment dwar diversi rwejjaħ, dawn ikunu jistgħu jiddaħħlu f'din it-template li fiha se jkun hemm kemm jista' jkun informazzjoni u dettalji sabiex l-ERA tkun tista' tinvestiga.

**70.06.02** Is-Sindku Scott Camilleri qal li minn informazzjoni li għandu m'hemmx sistema ta' moniteraġġ tal-kwalità tal-arja. Is-Sindku Scott Camilleri qed jitlob lill-ERA sabiex jibda jkun hemm dan il-moniteraġġ. Hu ppreżenta t-Traffic Count Survey, li sar ftit tax-xhur ilu mill-Kunsill, fejn irrimarka li minn Birżebbuġa joħorġu u jidħlu mad-9,000 karozza kuljum. L-ERA huma disposti li jiddiskutu liema sistema ta' moniteraġġ tal-kwalità tal-arja tista' ssir sabiex ikun hemm sistema ta' moniteraġġ tajba. Semma wkoll li leġiżlazzjoni għat-tarmac plant għad m'hemmx u b'hekk bħala Kunsill trid issir policy document biex naraw l-impatt tagħhom fuq il-lokalità u xi standards irid ikollhom bħala plant.

**70.06.03** Is-Sindku Scott Camilleri qal li din il-ġimgħa kellu korrispondenza mal-Perit William Lewis dwar il-berġa biex jaraw mil-lat tal-Awtorità tal-Ippjanar fiex wasalna. Dan wara li kien hemm bżonn commencement notice minħabba ċ-change of use tal-binja. Din bħalissa tinsab għand l-Awtorità tal-Ippjanar hekk kif sottomessa mill-Perit. Kien hemm bżonn ukoll ta' applikazzjoni għall-bdil tal-perit u li din issa saret ukoll. Infurmati li l-affarijiet mixjin.

**70.06.04** Is-Sindku Scott Camilleri semma li kien hemm korrispondenza biex jingħata rikonoxximent lill-mibki Joseph Zammit, li miet waqt il-qadi ta' dmirijietu fil-jiem li għaddew. Il-Kunsilliera preżenti qablu li għalissa jingħata ftit ċans u wara din tiġi diskussa mal-familjari tiegħu u wara mal-Protezzjoni Ċivili.

## 70.07 Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet

**70.07.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qal li rċieva rakkomandazzjoni marbuta mal-mozzjoni numru 2/2023, li ġiet ippreżentata waqt is-seduta preċedenti numru 69. Ir-rakkomandazzjoni qed tiġi mressqa mill-Kunsillier Johann Borg, u ssekondata mill-Viċi Sindku Josette Busuttil. Ir-rakkomandazzjoni tgħid hekk:

*Wara li smajt l-ilmenti tar-residenti dwar il-mozzjoni mressqa f'Seduta 69 ta' nhar it-Tlieta 22 t'Awwissu 2023, marbuta ma' bini ta' bypass ġdida, qed nibgħatlek żewġ punti sabiex isiru dawn ir-rakkomandazzjonijiet ma' din il-mozzjoni.*

*1) Issir konsultazzjoni mar-residenti ta' Birżebbuġa.*

*2) Issir konsultazzjoni mal-esperti u l-għaqdiet sabiex jagħtuna pariri dwar l-impatti tal-bypass fuq il-lokalità ta' Birżebbuġa speċjalment l-ambjent tal-madwar, fosthom il-widien u l-għelieqi agrikoli.*

Is-Sindku Scott Camilleri semma li fis-seduta li għaddiet il-Kunsilliera preżenti qablu mal-mozzjoni li kienet ippreżentata, li fiha l-Kunsill jitkellem mal-entitajiet konċernati fuq il-possibbiltà li jkun hemm bypass.

Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat talab għall-approvazzjoni tal-Kunsill Lokali dwar din il-mozzjoni. Il-votazzjoni kienet hekk:

**Favur** 7 **Kontra** 0 **Astensjonijiet** 0

Din ir-rakkomandazzjoni ġiet approvata unanimament.

**70.08 Rapport tax-xogħlijiet mill-Contracts Manager (Awwissu-Settembru 2023)**

**70.08.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qal li fil-jiem li għaddew bagħat ir-rapport dwar il-ħidma tal-contracts manager tal-Kunsill matul dawn il-ġimgħat. Fuq dan ir-rapport hemm elenkati l-problemi li qed jaffaċċja l-Kunsill u l-impjegati mal-kuntrattur li jiġbor l-iskart goff. Ilha ħafna tinġibidlu l-attenzjoni fuq ħafna nuqqasijiet, kemm bit-telefown, email, u kif ukoll inħarġulu tliet default notices. Ġie nnutat li l-indirizz postali li kien niżżel fit-tender mhuwiex tajjeb, għax l-ittri qed jiġu lura u għalhekk ġie mitlub jiġi jiġborhom hu u jiffirma għalihom. L-aħħar ittra ma ġiex jiġborha u din intbagħtitlu permezz tal-email. Ukoll, wara diversi laqgħat u persistenza mis-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat, il-kuntrattur ippreżenta l-kontijiet kollha li kien qatt ma bagħat minn meta beda jaħdem; mill-bidu ta' Frar 2023. Il-kontijiet preżentati kienu kollha ħżiena wara li ġew iċċekkjati mill-impjegati tal-Kunsill u dan intalab jerġa' jibgħathom mill-ġdid. Dawn waslu tajbin ftit tas-sigħat ilu. Dan hu kollu xogħol tripplu fuq l-operat tal-Kunsill. Dwar id-default notices qatt ma rċivejna risposta lura dwar kif se jkun qed jirranġa u jirratifika s-sitwazzjoni li jkun hemm aċċenn għalih.

Is-Sindku Scott Camilleri qed jitlob sabiex jittieħed vot dwar dan il-kuntratt sabiex jibda l-proċess u jiġi terminat. Il-vot kien hekk:

**Favur** 7 **Kontra** 0 **Astensjonijiet** 0

Il-Kunsilliera kollha preżenti qablu li dan il-kuntratt jiġi terminat.

**70.09 Korrispondenza**

**70.09.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qal li l-Kunsill Lokali rċieva korrispondenza rigward il-bini tal-pompa tal-petrol ġewwa Ħal Far. Is-Sindku Scott Camilleri qal li ftit taż-żmien ilu l-Kunsill irċieva applikazzjoni biex pompa tal-petrol minn Għawdex tiġi rilokata f'Ħal Far, u l-Kunsill kien ħass il-bżonn li jdaħħal appell dwar din l-applikazzjoni. Il-Perit Carmel Cacopardo rrappreżenta lill-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa. L-appell intrebaħ mill-Kunsill wara li mill-parti l-oħra ma ppreżenta ruħu ħadd.

*Bħalissa s-18:33 u l-Kunsilliera Doriana Portelli daħlet għas-seduta.*

**70.09.02** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qal li l-Kunsill Lokali rċieva korrispondenza mingħand sid ta' ħanut tal-ikel fil-Qajjenza. Dan qed jitlob lill-Kunsill sabiex ikun jista' jagħmel struttura fuq barra mill-propjetà tiegħu: jagħmel skips privati tiegħu fuq art pubblika. Is-Segretarju Eżekuttiv irrimarka li aħna m'għandniex l-awtorità li noħorġu dawn it-tip ta' permessi, iżda dawn iridu jinġiebu mill-awtoritajiet varji oħrajn. Il-Kunsilliera rrimarkaw li dan l-istess sid, l-iskips li għandu fuq ir-roti fil-preżent huma diġà fuq art pubblika. Il-Kunsilliera preżenti qablu li tintbagħat risposta lura fejn fiha ngħidulu li dawk l-iskips li għandu fil-preżent iridu jidħlu fil-propjetà tiegħu u li jekk irid xi tip ta' permess ieħor għandu japplika mal-awtoritajiet ikkonċernati.

**70.09.03** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qal li l-Kunsill Lokali rċieva talba formali mingħand l-Għaqda Mużikali San Pietru fil-Ktajjen Birżebbuġa sabiex jingħataw rifużjoni ta' €118.40, marbuta mal-iskema maħruġa mir-Reġjun tan-Nofsinhar dwar infiq fuq uffiċjali tal-LESA. Il-Kunsilliera preżenti qablu ma' din ir-rifużjoni.

**70.09.04** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qal li l-Kunsill Lokali rċieva talba formali mingħand is-Soċjetà Filarmonika San Pietru Banda Birżebbuġa sabiex jingħataw rifużjoni ta' €700, marbuta mal-iskema maħruġa mir-Reġjun tan-Nofsinhar dwar infiq fuq uffiċjali tas-CPD. Il-Kunsilliera preżenti qablu ma' din ir-rifużjoni.

## 70.10 Punti mressqa mis-Segretarju Eżekuttiv

**70.10.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qal li fil-jiem li għaddew ġie kkuntattjat mid-diviżjoni tal-edukazzjoni sabiex il-Kunsill jiġi offrut assenjar ta' impjegata full-time. Xogħol din l-impjegata hu ta' cleaner u tassisti l-uffiċċju matul il-ġurnata, u li se tkun qed tiġi mħallsa mill-istess diviżjoni. Il-Kunsilliera preżenti qablu li din tiġi assenjata mal-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa.

**70.10.02** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li l-Cleansing & Maintenance Division fil-ġranet tal-festa kienu tawna ammont ta' bins sabiex jintrema l-iskart tal-pubbliku fihom. Irriżulta li wara l-festa ġew mitlufa sitta minn dawn il-bins u li l-Cleansing bagħtulna l-kont ta' €184.08. Wara tant ġranet wara l-festa, il-foreman irnexxielu jsib tnejn minnhom mormija fil-baħar.

**70.10.03** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qal li din il-ġimgħa kellu laqgħa mas-surġent tal-pulizija tal-komunità. Fost diversi temi li ġew diskussi hemm il-mobile cameras, il-kwistjoni tal-Y plates fil-parking tal-Qajjenza, l-għawm taż-żwiemel fil-baħar, u l-użu tal-ispeed guns fil-lokalità. Ukoll, is-surġent informana li permessi tal-karavans jistgħu jibqgħu joħorġu sal-aħħar ta' Settembru. Minn wara dik id-data ma hemm l-ebda bye-law fil-lokalità li tikkontrolla dan il-proċess. Punt ieħor li ġie diskuss hu l-barrier ta' ħdejn il-water polo club. Il-pulizija jixtiequ kopja tal-ftehim li kien sar fis-snin li għaddew, bejnhom u bejn dawk li għandhom aċċess sabiex jiftħu u jinżlu hemm isfel. F'din il-laqgħa ġie kkuntattjat il-Kunsillier Alex Caruana biex ikun jista' jitkellem mal-pulizija. Il-Kunsillier Alex Caruana se jkun qed jara mill-minuti provduti tas-seduti preċedenti kif se jkun qed jorganizza din il-materja.

**70.10.04** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li matul il-ġimgħa li għaddiet daħal rapport l-għassa dwar serq ta' materjal personali mill-uffiċċju. Qed jitlob sabiex isiru bibien u locks aktar sikuri sabiex ħadd ma jbati bħalma ġara. Ukoll, se jkunu qed jiżdiedu cameras fis-sular ta' fuq għal iżjed sigurtà. Il-Kunsilliera kollha preżenti qablu ma' din l-esiġenza għall-ġid ta' kulħadd.

## 70.11 Evalwazzjoni tas-sejħiet għall-offerti: BLC/T/01/2023 - BLC/T/02/2023 - BLC/T/03/2023 - BLC/T/04/2023

Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qal li l-erba' tenders infetħu u ġew evalwati mill-bord. Hu fuq il-mejda qed iressaq kopja tar-rapport flimkien mar-rakkomandazzjonijiet.

**70.11.01** *BLC/T/01/2023- Provision of Environmental Friendly & Accessible Transport*

Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qal li dwar it-tender Provision of Environmental Friendly & Accessible Transport ġiet sottomessa offerta waħda. Din kienet:

1. Transport for Disabled Persons €6,600

Wara li saret l-evalwazzjoni mill-bord tal-għażla, din is-sottomissjoni hi eleġibbli u skont ir-rikwiżiti kollha mitluba. Għalhekk qed tiġi ssuġġerita li tintgħażel din l-offerta. Il-Kunsilliera kollha preżenti kollha qablu ma' din ir-rakkomandazzjoni.

**70.11.02** *BLC/T/02/2023 - Tender for the Professional Services of an Architect*

Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qal li dwar it-Tender for the Professional Services of an Architect ġew sottomessi 3 offerti. Dawn kienu:

1. Design and Technical Resources LTD €2,945.00
2. Perit William Lewis €2,113.25
3. ARCstudio €3,718.90

Wara li saret l-evalwazzjoni mill-bord tal-għażla, kollha kienu eleġibbli u bir-rikwiżiti mitluba. Għalhekk qed tiġi ssuġġerita li tintgħażel l-orħos offerta: dik tal-Perit William Lewis. Il-Kunsilliera kollha preżenti kollha qablu ma' din ir-rakkomandazzjoni.

**70.11.03** *BLC/T/03/2023 - Tender for the Service of a Handyman*

Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qal li dwar it-Tender for the Service of a Handyman ġew sottomessi 2 offerti. Dawn kienu:

1. Angelo Cutajar €9,000
2. Marco Paul Vella €22,500

Wara li saret l-evalwazzjoni mill-bord tal-għażla, kollha kienu eleġibbli u bir-rikwiżiti mitluba. Għalhekk qed tiġi ssuġġerita li tintgħażel l-orħos offerta: dik ta' Angelo Cutajar. Il-Kunsilliera preżenti kollha qablu ma' din ir-rakkomandazzjoni.

**70.11.04** *BLC/T/04/2023 - Tender for the Upkeep and Maintenance of Footpaths and Pedestrian Streets and Other Civil and Ancillary Works*

Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qal li dwar it-Tender for the Upkeep and Maintenance of Footpaths and Pedestrian ġew sottomessi 3 offerti. Dawn kienu:

1. Architworks €334,866.73
2. LK Ltd €329,646.40
3. Catbros Ltd €398,364.00

Wara li saret l-evalwazzjoni mill-bord tal-għażla, instab li l-orħos offerta kellha nuqqas fir-rikwesti tekniċi. Intbagħtet talba lil dan il-fornitur sabiex jibgħat id-dokumenti neqsin fiż-żmien mitlub. Sal-ġurnata tal-għeluq ma ntbagħat xejn.  Għalhekk qed tiġi ssuġġerita

li tintgħażel it-tieni l-orħos offerta, li kellha kollox kif mitlub: dik ta' Catbros Limited. Il-Kunsilliera preżenti kollha qablu ma' din ir-rakkomandazzjoni.

*Bħalissa s-19:00 u l-Kunsillier Joseph Farrugia talab biex ikun skużat.*

**70.12 Multi-storey car park – Draft operating agreement**

**70.12.01** Is-Sindku Scott Camilleri qal li dwar dan il-punt bħalissa hu għadu qed jiġbor id-dokumenti u l-materjal kollu neċessarju u se jkun qed jitlob sabiex jiltaqa' mal-Kunsilliera kollha biex jiddiskutu dan il-punt. Hemm ħafna punti u għalhekk se jiġi diskuss dan il-punt f'laqgħa apposta.

**70.13 Traffiku, parkeġġ, utilitajiet u servizzi**

**70.13.01** Il-Kunsilliera Doriana Portelli qalet li quddiem ħanut ġewwa Triq San Mikiel, kantuniera ma' Triq Santa Katarina, qed ikun hemm ostakolaġġ tal-bankina. Dan minħabba li hemm barrier installata fuq il-bankina u ħanut li jbigħ il-ħaxix qed joħroġ l-affarijiet fuq il-bankina u mhux qed jibqa' aċċess komdu għal dawk li jagħmlu użu mill-bankina. Is-Sindku Scott Camilleri qal li din se jiddiskutiha fil-laqgħa li jmiss mal-pulizija tal-komunità.

**70.13.02** Il-Kunsillier Johann Borg qal li kellu laqgħa mas-CEO tal-kumpanija Faces u li fiha kien infurmat li l-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa għad irid jiffirma l-kuntratt mal-kumpanija biex ix-xogħol fuq bus shelters isir. Minn riċerka li saret fl-uffiċċju nstab li l-uniku dokument li hemm kien sar fl-2001. Is-Sindku Scott Camilleri qal li l-aħjar hu li l-kumpanija tibgħat kopja tal-ftehim u jiġi evalwat sew u mbagħad imorru għall-firem.

**70.13.03** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil qalet li kellha komunikat ma' persuna minħabba li nsteraqlu l-mutur tad-dgħajsa. Is-Sindku Scott Camilleri qal li hu wkoll kellu komunikat ma' din il-persuna għaliex dan jixtieq li jkollu CCTV għad-dgħajsa tiegħu.

**70.13.04** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil staqsiet meta se jitlestew u ħa titnaddaf u ssir mill-ġdid is-centre strip ta' Triq il-Qajjenza, in-naħa tat-Torri ta' San Luċjan. Is-Sindku Scott Camilleri u l-Kunsilliera Maria Mifsud irrispondew li x-xogħlijiet bħalissa għaddejjin u hemm ċans li huma lesti. Inqabel li fuq il-kantuni hemm bżonn jiġu rranġati għaliex dik hija triq prinċipali. Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat se jkun qed ikellem lis-CEO ta' Project Green forsi jkun jista' jgħinna fiha.

**70.13.05** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil qalet li kien hemm korrispondenza min-naħa tal-OPM rigward Triq iż-Żurrieq. Il-Kunsillier Alex Caruana qal li dwar din il-korrispondenza ma jaf xejn. Il-Viċi Sindku Josette Busuttil qalet li l-Kunsillier Alex Caruana rrisponda u li s-Sindku Scott Camilleri kien ikkupjat fiha. Is-Sindku Scott Camilleri qal li hu ma jaf bl-ebda email dwar Triq iż-Żurrieq imma se jkun qed jiċċekkja dwarha. Il-Kunsillier Alex Caruana qal li min-naħa tiegħu hu wkoll se jiċċekkja dwarha sabiex ikun ċert.

**70.13.06** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil staqsiet x'sar minnha ż-zebra cross ta' quddiem il-Miracle Foods ġewwa Dawret il-Qalb Imqaddsa. Il-Kunsillier Alex Caruana rrisponda li din il-materja tinsab f'idejn Transport Malta. Il-Viċi Sindku Josette Busuttil staqsiet ukoll dwar ir-road humps tal-Qajjenza. Il-Kunsillier Alex Caruana qal li kulħadd jaf bil-

problema li kellna mal-kuntrattur tat-toroq li qatt ma ġie jagħmel biċċa xogħol waħda. Nittamaw li issa meta jkollna kollox fis-seħħ mal-kuntrattur il-ġdid, isiru dawn ir-road humps flimkien ma' ħafna affarijiet oħra pendenti.

**70.13.07** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil qalet li qed ikellmuha diversi persuni li qed jaqilgħu kontravenzjoni meta jmorru jarmu fl-ibins u jkunu mimlijin. Huma qed jitfgħu l-affarijiet li jkollhom biswit l-ibin li jkun mimli. Il-Kunsilliera preżenti qablu li għandha ssir tabella li tavża lir-residenti biex ma jarmux mal-art jekk l-ibin ikun mimli, għax jeħlu ċitazzjoni.

**70.13.08** Il-Kunsilliera Maria Mifsud irrimarkat li fi Triq Żarenu Dalli, fit-tarf tagħha, qed ikun hemm ostakolaġġ bil-karozzi pparkjati u qed tkun perikoluża ferm. Il-Kunsillier Alex Caruana qal li din l-affari qiegħda għand il-perit imma bħalissa dan jinsab imħabbat fuq ħafna proġetti oħra tal-istess Kunsill. Hu qal li permessi minn Transport Malta għandna, sabiex isiru l-plastic bollards. Il-Kunsilliera kollha preżenti qablu li dawn jiġu installati.

**70.13.09** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li daħlet talba minn persuna li juża Sqaq il-Buni għal iżjed dawl fl-isqaq. Il-Kunsillier Alex Caruana qal li jekk il-Kunsill jaqbel, ikellem lill-perit tal-Kunsill biex japplika għal arblu fuq art ODZ. Is-Sindku Scott Camilleri ġibed l-attenzjoni biex nistaqsu lill-perit jekk id-dawl isirx normali jew inkella low light. Il-Kunsilliera preżenti qablu li jinbeda l-proċess għal dan id-dawl ġdid.

**70.13.10** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li daħlet talba għal personalised reserved parking bay fi Triq Tal-Ġebel. Il-Kunsillier Alex Caruana qal li se jieħu ħsieb din l-applikazzjoni hu.

**70.13.11** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li daħal ilment li ġewwa Triq il-Folklor, kemm ilha li saret one-way, ħafna karozzi qed jgħaddu bi speed qawwi. Ir-resident qed jistaqsi jistgħux isiru xi sleeping police. Il-Kunsillier Alex Caruana rrisponda li hu tkellem mal-perit u dan qallu biex jissuġġerixxi pjan ta' sleeping police għall-Qajjenza kollha. Bħalissa l-perit, kif intqal qabel, għandu ħafna xogħol tal-Kunsill x'jagħmel.

**70.13.12** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li bħalma jaf kulħadd twaħħlu diversi mirjiet ġodda fi Triq Tal-Ġebel. Fil-ġimgħat li għaddew dawn ġew kollha vandalizzati u mkissra. Is-Sindku Scott Camilleri għamel rapport mal-pulizija dwar dan ir-reat. Min-naħa tiegħu s-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat iċċekkja mal-kumpanija tal-insurance jekk dawn il-mirja jistgħux jiġu claimed, però rriżulta li dawn mhumiex koperti. Apparti minn hekk, jekk it-tabelli u street furniture jiġu inxurjati, din il-polza se tkun qed tiswa eluf kbar ta' ewro. Hu rrimarka li fis-seduti preċedenti kien ġie maqbul li l-Kunsill jieħu ħsieb dawk il-mirjiet li huma għall-aċċess u daħliet komunali li jkunu ta' periklu. Hu se jkun qed ibiddel mera waħda biex naraw kif imorru qabel ma jinbidlu l-oħrajn. Il-Kunsillier Alex Caruana qal li se jara dwar il-mirja tal-istainless steel minflok tal-ħġieġ. Hu ssuġġerixxa li nixtru waħda bi prova sabiex naraw kif tiġi fiż-żoni rurali u li hekk imorru tajjeb nordnaw minnhom.

**70.13.13** Is-Sindku Scott Camilleri semma li hemm bżonn nitkellmu mal-perit rigward id-direzzjoni tat-traffiku mad-dawra ta' Ġnien l-Indipendenza. Il-Kunsillier Alex Caruana qal li se jieħu ħsieb tagħha hu.

**70.13.14** Il-Kunsillier Alex Caruana semma li rċieva talba biex jiżdied id-dawl fejn hemm l-arbli fi Triq il-Qoton u Triq il-Brolli. Is-Sindku Scott Camilleri qal li hemm kien weħel ix-xogħol hekk kif l-Awtorità tal-Ippjanar ma ħarġitx il-permess. Il-Kunsillier Alex Caruana se jiċċekkja mal-perit.

**70.13.15** Il-Kunsillier Alex Caruana semma li llum ġiet vandalizzata l-grada ta' madwar il-grawnd tal-futbol tar-ramel. Hu tkellem mal-handyman sabiex jirranġaha.

**70.13.16** Il-Kunsillier Alex Caruana tkellem dwar il-festun ta' Wied il-Buni. Huwa ssuġġerixxa li dan jinqala' għax jekk jagħmel ir-riħ hemm ċans li jiġbed xi fanal. Issuġġerixxa wkoll li biex ikun hemm dawl adekwat jinxtraw 6 flood lights li jitwaħħlu mill-handyman. Hu se jkun qed jinstalla reflectors minħabba d-dlam li qed ikun hemm. Qal ukoll biex jiżżarma l-festun tal-Qajjenza ħalli ma jiġrilux ħsara issa li ġejja x-xitwa. Dwar il-festun tax-xatt, il-Kunsilliera kollha preżenti qablu li peress li hemmhekk huwa kenni, dan għandu jitħalla armat.

*Bħalissa s-19:30 u l-Kunsillier Simon Buttigieg talab biex jiġi skużat mis-seduta.*

## 70.14 Proġetti u skemi

**70.14.01** Is-Sindku Scott Camilleri semma li ftit tal-ġimgħat ilu ġie inawgurat il-bandli l-ġdid ġewwa l-Bajja s-Sabiħa. Ġie nnotat diversi drabi li l-bandla inklussiva qed tkun użata b'mod ħażin minn kulħadd, u l-iskop tagħha mhux jintlaħaq. Għalhekk hemm bżonn li din tiċċaqlaq u tmur f'bandli ieħor inqas frekwentat u iżjed trankwill. Minflokha, fil-post tagħha, se jsiru żewġ tipi t'apparat ieħor sabiex iżidu l-ammont ta' bandli. Mill-katalgu provdut mill-kuntrattur tal-bandli, il-Kunsilliera approvaw li nixtru l-bandla bl-isem ta' Pluto u kif ukoll il-bandla bl-isem ta' Twin Houses, bl-ammont tagħhom ikun jiswa €38,163.32. Il-Kunsilliera kollha preżenti approvaw dan ix-xiri mingħand il-fornitur.

**70.14.02** Is-Sindku Scott Camilleri qal li mill-5 t'Ottubru li ġej se jibdew il-lezzjonijiet marbuta ma' Step Up for Parkinsons. Dawn se jibdew isiru fis-sala tal-iskola primarja.

## 70.15 Edukazzjoni, saħħa, indafa u ambjent

**70.15.01** Is-Sindku Scott Camilleri tkellem dwar il-librerija tal-Kunsill. Il-Malta Public Libraries talbu lill-Kunsill Lokali biex isir ftehim dwar l-operat u l-użu tal-librerija, li s'issa qatt kellna fis-seħħ peress li ma kienx hawn librerija. Issa la hemm il-pjan għal librerija ġdida, allura tajjeb li nagħmlu użu minn dan il-ftehim. Il-Kunsilliera kollha preżenti qablu li nieħdu sehem f'dan il-ftehim.

## 70.16 Attivitajiet, kultura, żgħażagħ u sport

**70.16.01** Is-Sindku Scott Camilleri semma li fi tmiem il-ġimgħa hemm l-attività tal-MSSA ġewwa l-Bajja s-Sabiħa. F'din l-attività se jkun hemm ħafna tipi ta' sports differenti li żgur se tkun ta' divertiment għal min jattendi.

**70.16.02** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li rċivejna talba mingħand l-instructor, li fil-preżent qed tagħmel is-sessjonijiet tal-isports, biex il-lezzjonijiet tal-

fitness jitkomplew minn Settembru 2023 sa Settembru 2024. Kull sessjoni tiswa €40 s-siegħa. Il-Kunsilliera preżenti qablu ma' din il-proposta.

**70.16.03** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil talbet biex jibdew jinġabru l-kwotazzjonijiet marbuta mal-attività tal-Halloween. Id-data tal-attività se tkun il-31 t'Ottubru 2023.

## 70.17 Affarijiet oħra

**70.17.01** Is-Segretarju Eżekuttiv tkellem dwar il-pannelli tal-elettriku li hawn fuq il-bejt tal-Kunsill. Il-Kunsill Lokali rċieva DNO mill-Awtorità tal-Ippjanar li dawn il-pannelli kienu saru mingħajr il-permessi meħtieġa. Minn riċerka u informazzjoni li ġabar bejn Ottubru 2022 u Awwissu 2023, il-Kunsill Lokali gwadanja €30.89 minn dawn il-pannelli. Il-Kunsilliera kollha preżenti qablu li dawn il-pannelli għandhom jitneħħew peress li mhux qed ikunu vijabbli u li għandhom ħafna ħsarat.

**70.17.02** Il-Kunsillier Alex Caruana qal li bħalissa qed jagħmel eżerċizzju fejn hemm ammont ta' bozoz tat-toroq li mhux reġistrati mal-Enemalta. Dan minħabba li l-Enemalta mhux se jirranġaw street lighting ta' bozoz li mhux reġistrati magħhom. Hu flimkien mal-customer care tal-Kunsill qed iduruhom u jirreġistrawhom kollha.

## 70.18 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

**70.18.01** Is-seduta tal-Kunsill intemmet fit-20:00 wara li ġiet mgħoddija l-aġenda kollha u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 25 t'Ottubru 2023, fil-17:30.

**Ikkonfermati llum l-Erbgħa 25 t'Ottubru 2023.**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| ______________________ | ______________________ |
| **Scott Camilleri** | **Jordy Brincat** |
| *Sindku* | *Segretarju Eżekuttiv* |